Nru./No. 18,385
Prezz/Price
€0.37

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

L-Erbgħa, 4 ta' Marzu, 2009
Wednesday, 4th March, 2009

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 2057 - 2059
Government Notices ..... *2057 - 2059*

Korrezzjoni ta' Offerti 2060
Correction of Tenders *2060*

Avviż tal-Qorti 2060
Court Notice *2060*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 176

PUBBLIKAZZJONI TA' ATT FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Att li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru. II tal-2009 imsejjaħ l-Att tal-2009 li Jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi.

L-4 ta' Marzu, 2009

Nru. 177

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa tal-artikolu 3 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija ppubblikata skont u għall-finijiet tal-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

L-4 ta' Marzu, 2009

(File No. L 342/2008)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u illi l-Akkwist tagħha għandu jkun għall-pussess u użu għal tliet snin mil-lum.

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fix-Xgħajra:-

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 9413-il metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' triq pubblika, min-Nofsinhar

GOVERNMENT NOTICES

No. 176

PUBLICATION OF ACT IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Act is published in the Supplement to this Gazette:

Act No. II of 2009 entitled the Budget Measures Implementation Act, 2009.

4th March, 2009

No. 177

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

4th March, 2009

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

I hereby declare that the undermentioned land is required by the competent authority for a public purpose in terms of the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Cap. 88) and that the acquisition thereof is to be by possession and use for three years as from today.

Description of the Land

The following land at Xgħajra:-

1. A plot of land measuring about 9413 square metres bounded on the North by a public road, on the South and

u mill-Punent ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa jew irjieħ verjuri.

L-art hawn fuq imsemmija tidher murija bil-kulur aħmar fuq il-pjanta P.D. Nru. 2008_559 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Il-kera ta' akkwist għall-proprjetà hawn fuq imsemmija hija ta' elfejn, tmien mija u ħamsa u għoxrin Ewro (€2,825) fis-sena, skont l-istima li hawn ma' din id-dikjarazzjoni kif din saret mill-perit arkitett Michael Schembri, A.&C.E.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata *site plan* li turi l-immobbli msemmija.

(Iff) George Hyzler
A/President
26/2/2009

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 2059.

Stima tal-Perit (oriġinali bil-Malti)

Art fix-Xgħajra

Fuq struzzjonijiet tal-Kummissarju tal-Artijiet, skont l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet (għal Skopijiet Pubbliċi) qiegħed niffissa l-valur tal-kera ta' akkwist għall-pussess u użu tal-proprjetà hawn taħt deskritta f'San Leonardu ix-Xgħajra, li hi meħtieġa mill-Gvern b'konnessjoni mal-bini ta' impjant għat-tisfija tad-drenaġġ, u dan wara li ħadt in konsiderazzjoni l-lokalità, il-qies, il-valur ta' proprjetajiet simili kif ukoll ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom effett fuq il-valur tal-istess proprjetà.

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 9413-il metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' triq pubblika, min-Nofsinhar u mill-Punent ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa, liema art hija murija bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. Nru. 2008_559, hija stmata għall-valur ta' elfejn, tmien mija u ħamsa u għoxrin Ewro (€2,825).

Ft: Michael Schembri, A.&C.E.

It-3 ta' Diċembru, 2008

West by property of unknown owners or more precise boundaries.

The above mentioned land is shown with the colour red on plan P.D. No. 2008_559 which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

The acquisition rent for the above mentioned property is two thousand, eight hundred and twenty five Euros (€2,825) per annum, according to the valuation published with this declaration as made by architect Michael Schembri, A.&C.E.

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration

(Sgd) George Hyzler
A/President
26/2/2009

This site plan is being published on page 2059.

Architect's Valuation (original in Maltese)

Land at Xgħajra

I have been instructed by the Commissioner of Land to assess, according to the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance, the value of the acquisition rent for the possession and use of the hereunder described property at San Leonardu, Xgħajra, required by Government in connection with the construction of a waste water treatment plant, after having taken into consideration the locality, the area, the value of similar properties as well as other matters which may effect the value of the same property.


A plot of land measuring about 9413 square metres bounded on the North by a public road, on the South and West by property of unknown owners, which land is shown in red on plan P.D. No. 2008_559, and is valued for the price of two thousand, eight hundred and twenty five Euros (€2,825).

Sgd: Michael Schembri, A.&C.E.

3rd December, 2008

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fir-Reġistru tal-Artijiet


This is an official document for Land Registry use only [227 - Diviżjoni ta' l-Artijiet tal-Gvern]



Scale 1 : 1000 Skala

0 m 20 m 40 m 60 m 80 m 100 m

NOT TO SCALE
INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY



Gvern Ta' Malta Pjanta tas-sit **1:2500** *Site Plan* **Government of Malta**

Reġistru ta' l-Artijiet ***Land Registry***

Casa Bolino, 116 Triq il-Punent, Valletta ***Casa Bolino, 116 West Street, Valletta***

Nru tal-Mappa: *Map Number:* 128882M	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* x = 59761 y = 71159		***Parti minn SS:*** *Extracted from SS:* 5871	Data: *Date:* 17/01/2009	
Perit *Architect:*			Qies (metri kwadri) *Area (square metres)* 9413 m²		
Timbru tal-Perit *Architect's Stamp*	Perit Stefan Scotto Estate Management Department		Firma tal-Applikant *Applicant's signature*		
				Dritt Mħallas *Fee Paid*	

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI
U AFFARIJIET RURALI


Korrezzjoni

Ngħarrfu għall-informazzjoni ta' kulħadd illi b'riferenza għall-offerti li ġew ippubblikati fil-Gazzetti tal-Gvern Nri. 18,378 sa 18,384 mit-13 ta' Frar, 2009 sat-3 ta' Marzu, 2009 l-aħħar parti tal-offerta fejn jissemma l-Programm Operattiv kellha tkun kif ġej:-

MINISTRY FOR RESOURCES
AND RURAL AFFAIRS

Correction

It is notified for general information that with reference to the tenders published in the Government Gazettes Nos. 18,378 to 18,384 of the 13th February, 2009 till 3rd march, 2009, the last part of the tender where the Operational programme is mentioned should read as follows:-



Programmi Operattiv I - Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
Ninvestu fil-Kompettitività għall-Kwalità ta' Ħajja Aħjar
Offerta parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea
Fond Ewropew għaż-Żvilupp Reġjonali (FEŻR)
Rata ta' Ko-Finanzjament: 85% Fondi tal-UE; 15% Fondi Nazzjonali
Ninvestu fil-futur tiegħek



Operational Programme I – Cohesion Policy 2007-2013
Investing in Competitiveness for a Better Quality of Life
Tender part-financed by the European Union
European Regional Development Fund (ERDF)
Co-financing rate: 85% EU Funds; 15% National Funds
Investing in Your Future

L-4 ta' Marzu, 2009

4th March, 2009

AVVIŻ TAL-QORTI – *COURT NOTICE*

351

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-16 ta' Frar 2009, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) ta' Fra Diego Street, Marsa, ippreżentaw Talba fid-29 ta' Frar 2008, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Victor Vella ta' Charlmeg, Triq Indri Borg, Xewkija, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €210.04 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (178/08GV) hija differita għat-13 ta' Marzu 2009 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 3 ta' Marzu 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of 16th February 2009, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa filed a Claim on the 29th February 2008 whereby they asked the Tribunal to condemn Victor Vella of Charlmeg, Triq Indri Borg, Xewkija, to pay the plaintiff company the sum of €210.04 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 178/08GV) is put off on the 13th March 2009 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 3rd March 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*